MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru. 823/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Maria Borg**

Kumpilazzjoni Nru: 823/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Maria Borg ta' 28 sena, bint Carmel u Maria Theresa nee' Bajada, imwielda San Giljan fil-25 ta' Settembru 1980, u li toqghod f' Numru 38, Flat Numru 2, Bajada Buildings, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida. Detentrici tal-Karta ta'l-Identita' bin-numru 121981M.

Akkuzata talli:

a. f’ Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ikorrompiet lil Nigel Abela, ufficcjal jew impjegat pubbliku bhala ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u irrendiet ruhha komplici ma’ l-istess Nigel Abela filli, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igigeghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifsha jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jafu li ma kienux korrett jew qarrieqi f’xi rigward materjali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 42, 115(c), 119, 120(1), 121A(1), 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 19 ta' Frar 2009 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkonsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata odjerna jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm jew kien hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta’ kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta’ imputazzjonijet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta’l-agir kriminuz da parti ta’ kull wiehed mill-persuni involuti f’dan il-kaz.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputata personalment m’ghandha l-ebda pendenza mad-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud. Il-persuna registrata fil-kaz in ezami hija socjeta kummercjali li direttur taghha huwa missier l-imputata; l-imputata m’ghandha l-ebda konessjoni ufficjali ma’ din is-socjeta. Hija din is-socjeta li ghandha diversi pendenzi mad-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud. L-imputata involviet ruhha f’dawn il-pendenzi minflok missierha li kellu problemi ta’ sahha.

Illi jirrizulta ukoll li kien ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud li avvicina lill-imputata u kien permezz ta’ l-operata ta’ dan l-ufficjal li gew sottomessi denunzji (tas-socjeta kummercjali rapprezentata minn missier l-imputata) skorretti biex jonqos l-ammont ta’ taxxa dovuta minn din is-socjeta.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputata kkollaborat ma’l-ufficjali investigattivi, ammettiet l-involviment taghha mhux biss f’l-istqarrija imma anke f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali taghha li hija prattikament netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42, 115(c), 119, 120(1), 121A(1), 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’appikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin kif ukoll ghal multa ta’ sebgha mitt Euro (Euro700). In oltre il-Qorti qed tordna fil-konfront ta’ l-imputata l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-

Registratur ta’ din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x’jigri jekk hija tikkommetti reat iehor f’perjodu ta’ erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------